

# 75 sena mit-twaqqif tal-Parroċċa San Sebastjan f'Ħal Qormi 1936 - 2011

FRAĦT META QALULI 'SEJRIN F'DAR IL-MULEJ'
salm 122

L-attivitajiet biex jitfakkar il-75 anniversarju mit-twaqqif tal-Parroċċa San Sebastjan qed joqorbu lejn it-tmiem tagħhom. Fil-fatt bdew bil-pellegrinaġġ ewkaristiku nhar il-25 ta' Ottubru 2010. Ridna li jkun Ewkaristiku biex nagħtu timbru spiritwali lil dawn iċ-ċelebrazzjonijiet kollha u ridna li jibda mill-Parroċċa San Ġorġ biex nuru rispett lejn l-istorja.

Kellna diversi attivitajiet pastorali bħalma kien il-kors li sar f'Novembru li fih irriflettejna fuq il-Parroċċa u s-sajdiet mużewmini f'Mejju li għadda sabiex ikunu żmien ta' tiġdid bħalma kienu l-korsijiet tal-eżerċizzi tar-Randan. Saru wkoll purċissjonijiet speċjali fit-tliet żoni tal-parroċċa li magħhom ġew marbuta żjarat lill-familji.

Jannar kien wieħed mix-xhur importanti f'dan l-anniversarju għax fih fakkarna l-anniversarju proprju fil-5 tax-xahar b'quddiesa kkonċelebrata mill-Kappillan Buhagiar flimkien ma' tnejn mill-ex-Kappillani u diversi saċerdoti mill-Parroċċa tagħna, uħud minnhom kappillani f'Parroċċi oħra. Fid-19 ta' Jannar fakkarna l-25 sena mill-konsagrazzjoni b'Quddiesa pontifikali mill-Arċisqof Emeritus Mons. Ġużeppi Mercieca waqt li l-festa liturġika kienet iċċelebrata mill-Arċisqof Mons. Pawlu Cremona. Ta' min jgħid li Mons. Cremona kien magħna wkoll fil-Griżma tal-Isqof f'Novembru kif ukoll fil-festa tal-fratelli fis-26 ta' Marzu, li saret fuq livell djoċesan u għaliha kienu mistiedna u attendew rappreżentanti tal-fratellanzi minn Malta kollha.

Dis-sena fakkarna wkoll il-75 sena mit-twaqqif tal-Fratellanza tas-Sagrament sewwa sew ftit xhur wara l-bidu tal-parroċċa. Dan l-anniversarju tal-fratellanza fakkarnieh ukoll matul ix-xahar ta' Ġunju bis-sehem tal-Fratelli fil-purċissjonijiet nhar Corpus Christi u l-Qalb ta' Ġesù. Din tal-aħħar kienet immexxija minn Mons. Charles Scicluna li ġie apposta mill-Vatikan fuq xewqa tas-Sodalità San Sebastjan u fil-purċissjoni daqqet il-banda tas-Soċjetà Filarmonika Pinto. Nhar is-7 ta' Ġunju wkoll sar Tqarbin Solenni lill-morda fid-djar tagħhom b'hekk tajnihom l-opportunità li jieħdu sehem f'dawn il-festi speċjali tal-anniversarju tal-Parroċċa, waqt li fit-3 ta' Ġunju saret laqgħa ta' talb u formazzjoni li għaliha attendew rapprezentati tal-fratellanzi tas-sagrament mid-diversi Parroċċi ta' Malta. Fil-festa tal-Għid il-Kbir fakkarna l-membri tal-komunità ta' San Sebastjan li tgħammdu f'din il-parroċċa. Dan għamilnieh permezz tal-quddiesa ta' Ħadd il-Għid fil-għaxija ċċelebrata minn Mons. Charles Cordina. Għal din il-quddiesa attendew 35 persuna li twieldu fl-1936 u tgħammdu fil-Knisja ż-żgħira.

F'Lulju qed nilħqu l-qofol ta' dawn il-festi b'diversi attivitajiet ġodda minħabba l-anniversarju. Prinċipalment dawn huma tnejn. Il-vara titulari se tittieħed proċessjonalment mill-knisja parrokkjali sal-knisja z-zgħira fejn tibqa' għal tlitt ijiem sakemm terġa' tinġarr proċessjonalment fil-ftuħ tal-

festa. Iżda bla dubju ta' xejn l-akbar stennija hi l-miġja tar-relikwa ta' San Sebastjan li qed inġibu mill-Vatikan. Se nilqgħuha f'tarf Triq San Sebastjan nhar it-tielet tridu b'korteo sal-Knisja ż-Żgħira fejn tibqa' għall-qima sal-għada. It-transulazzjoni mmexxija mill-Isqof Frendo se issir b'din ir-relikwa li wkoll toħroġ fil-purċissjoni nhar il-festa. Ċert li kull Bastjaniz se jkun hemm biex jagħti merħba lil San Sebastjan did-darba prezenti magħna b'mod aktar reali permezz tar-relikwa. Ċertament li l-ftuħ mill-ġdid tal-Knisja ż-Żgħira b'quddiesa nhar l-24 ta' Ġunju minn Mons. Vinċens Deguara hu avveniment li kulħadd kien jittama li jara jseħħ fil-parroċċa tagħna. Dil-knisja issa nfetħet għall-adorazzjoni tal-Ewkaristija. Ħajr lill-Kappillan Buhagiar li stinka sabiex dan iseħħ. Kif ukoll lil dawk il-benefatturi kollha li taw is-sehem tagħhom sew jekk kien xogħol jew flus sabiex b'hekk stajna nerġgħu ngawdu dil-knisja tant għaziza għalina lkoll.

Avveniment ieħor importanti seħħ fi Frar meta fil-Knisja ż-Żgħira s-sur Lino Borg, artist u kritiku tal-arti, għamel diskors dwar Lazzaro Pisani u l-Pitturi tiegħu bl-enfasi jkunu l-kwadri ta' San Sebastjan u tar-Redentur li jinsabu fl-istess knisja. Għall-istess knisja sar ir-restawr taż-żewġ pitturi laterali li juru lill-Qalb ta' Ġesù u l-Qalb ta' Marija, liema restawr tħallas permezz ta' arbural li nġabar minn fost il-membri u ħbieb tal-każin. Restawr ieħor tħallas minn diversi benefatturi u minn ġbir ieħor li sar apposta kif ukoll mill-ġbir partikolari li sar fil-Knisja Parrokkjali. L-ewwel tieġ fil-Knisja ż-Żgħira sar nhar l-4 ta' Ġunju. Tmint ijiem qabel Ħadd il-Palm is-Soċjeta Filarmonika Pinto Banda San Sebastjan tellgħet RIFLESSI, il-programm ta' muzika u riflessjonijiet. Fir-Randan saru l-eżerċizzi għaż-żagħżagħ organizzati mill-PLYG u l-KŻB flimkien.




Fl-aħħarnett nagħti ħajr lill-Għaqda tal-Armar San Sebastjan tal-mafkar li waqqfu fi Triq l-Imdina. Permezz ta' dan l-arblu u l-bandiera tperper fil-quċċata niftakru f'dawk kollha li matul is-snin taw il-kontribut fil-ġrajja tal-parroċċa tagħna --- dawk li taw ħidma saċerdotali, pastorali, amministrattiva; dawk li ħadmu fl-għaqdiet reliġjuzi, fl-għaqdiet tal-festa, jew fit-tindif u ħidma oħra b'risq il-Parroċċa.

Fis-sajf grupp ta' pellegrini se jzur Ruma fejn se jimxu mal-passi ta' San Sebastjan u l-ewwel martri tal-Knisja. Imbagħad iċ-ċelebrazzjoni tal-anniversarju tingħalaq bil-festa tar-Ruzarju f'Ottubru li ġej.

Bħala Kumitat Organizzattiv nagħti ħajr li dawk li kkontribwew sabiex dan l-anniversarju fakkarnieh b'mod mill-aktar xieraq.

## Kumitat 75 Anniversarju